

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Settembru 2018 – XK vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-543/18)**

(2018/C 399/66)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* XK (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- taqta' u tiddeċiedi li d-deċiżjoni individwali li ma jingħatax iktar ir-rimbors tal-ispejjeż skolastiċi relatati mat-tfal tiegħu mis-sena skolastika 2017/2018 indikata għall-ewwel darba permezz tad-dikjarazzjoni tar-remunerazzjoni tiegħu ta' Novembru 2017 u motivata permezz ta' posta elettronika tas-7 ta' Novembru 2017 hija annullata;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni relatati mar-rimbors tal-ispejjeż mediċi, sa fejn il-bidla fl-interpretazzjoni mill-konvenuta kienet kisret id-drittijiet kweżiti, l-aspettattivi leġittimi, iċ-ċertezza legali u l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tat-tfal, tad-dritt għall-ħajja tal-familja u tad-dritt għall-edukazzjoni.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-assenza ta' bilanċjar effettiv tal-interessi tar-rikorrent u fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità li bihom hija vvizzjata d-deċiżjoni kkontestata.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2018 – ArcelorMittal Bremen vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-544/18)**

(2018/C 399/67)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrenti:* ArcelorMittal Bremen GmbH (Bremen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Altenschmidt u D. Jacob, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea